# APPREZZAMENT

## MRO. JOSEPH N. SAMMUT

### A.MUS.L.C.M L.MUS. L.C.M F.L.C.M. (LOND)

### 1941 - 2020

*Alfred Vella*

Is-Surmast Joseph Nażżareno Sammut twieled il-Mellieħa fit-18 ta` Ġunju 1941. Ħa l-edukazjoni tiegħu fl-Iskola Primarja l-Mellieħa u aktar tard fil-Kulleġġ De la Salle il-Kottonera. Ta` età żgħira beda jitgħallem il-mużika taħt Kelinu Muscat u wara għand is-surmast William Jimmy Worley. Mar għand is-surmast Vinċenzo Ciappara li tah ħafna esperjenza fuq il-Baxx in Mi Bi mol, l-istrument li kien idoqq. Dam idoqq ma' din il-banda għal iktar minn ħamsa u tletin sena. Fl-1982 inħatar assistant surmast mal-istess banda. Kompla jistudja l-istrument u t-teorija tal-mużika taħt is-surmast William Jimmy Worley sal-grad sebgħa tal-London College of Music u r-Royal School of Music ta` Londra u fl-istess żmien tgħallem ukoll diversi strumenti mużikali fosthom il-pjanu u l-kitarra.

Daqq il-kitarra ma' ħafna gruppi imma l-aktar li dam mal-Grupp Gira Sole. Dam miegħu `l fuq minn għoxrin sena, l-aktar f` tigijiet, festini u festivals.

Fl-1955-56 daħal apprentista fit-Tarzna ta` Malta u fl-1960, meta twaqqfet il-Banda tat-Tarzna, kien minn tal-ewwel li ġie magħżul mis-surmast Hector Dalli biex ikun parti minnha. Aktar tard kien ukoll assistant surmast tal-banda mas-surmast Carmelo Caruana meta spiċċa Hector Dalli. Fit-Tarzna dam jaħdem għal iktar minn sitta u erbgħin sena.

Fl-1972 kien avviċinat biex jidħol idoqq mal-Banda Nazzjonali La Vallette. Din is-sena jagħlaq 45 sena ma' La Vallette u ndaqqet kompożizzjoni minn tiegħu għall-okkażjoni " Anniversarja".

Turu Paċe, wieħed mill-akbar mużicisti li kien idoqq mal-Orkestra tal-Armirall u ma' La Vallette, ħajru biex ikompli jistudja. Wasslu għand is-Surmast Carmelo Pace li għenu jispeċċjalizza fl-armonija, fil-kontrapont, l-istorja u l-orkestrazzjoni.

Bejn 1980 – 1981 kiseb id-diploma fit-Teorija A. Mus L.C.M. u d-diploma biex ikun jista` jgħallem il-mużika L. Mus.L.C.M. Madankollu kompla jistudja taħt id-direzzjoni tas-Surmast Carmelo Pace u kompla wkoll l-istudji tiegħu għand il-professur tat-Trinity College of Music ta` Londra, ex segretarju ta` dan il-kulleġġ, ProfsEdwin A. Moon, fejn irnexxielu jikseb diploma oħra F.L.C.M. (London) fil-Kompożizzjoni. Fl-1982 kien avviċinat mill-Banda San Guzepp ta` Għajnsielem biex jgħallem. Wara l-mewt ta` G. Farruġia fl-1992 sar is-surmast tal-banda fl-2002.



Fl-1995, meta l-banda marret tagħmel pellegrinaġġ ġewwa Ancona f`għeluq is-seba` mitt sena taċ-ċentinarju, il-banda kienet mistiedna biex iddoqq marċi reliġjużi u marċi brijużi. Il-banda għamlet ukoll program mużikali fuq iz-zuntier tas-santwarju tal-Madonna ta` Loretu fejn kien hemm eluf ta` pellegrini ġejjin mill-Italja kollha. Ġewwa Pompej, il-Banda daqqet flimkien ma' banda magħmula mill-istudenti ta` dan il-Kulleġġ ta` Bartolo Longo. U wara l-quddiesa sar program mużikali fil-pjazza ta` quddiem il-knisja.

F`din il-ħarġa tal-banda sar l-ikbar programm fi Fiuggi, post ta` villeġġjatura ġewwa Ruma, meta l-banda daqqet mal-banda Sinfonika ta` Fiuggi fi pjazza Spada. Il-mużika li ndaqqet kienet kollha ta` kompożituri Maltin. Dawn is-servizzi kienu kollha taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Nazzareno Sammut.

Kien ukoll surmast Mal Banda Maria Reġina tal-Marsa mill-1986 sal-2001. L-ewwel Brass Band (Brass Ensemble) li kienet twaqqfet tikkonsisti minn sittax -il mużiċist li kienu jdoqqu ġewwa lukandi, festivals u okkażjonijiet oħra. L-ewwel programm li kien isir qabel il-festa tal-Vitorja fil-Mellieħa kien il-Brass Ensemble.

Bħala xogħlijiet ikkompona marċi brijużi, marċi funebri, marċi sinfoniċi, Overtures, fantasiji, innijiet, quddies u mużika sagra. Ikkompona wkoll għall-klarinett, kif ukoll għall-kurunetta, intermezzi, largi fost mużika oħra. Jgħallem it-teorija u l-istrumenti tan-nifs, il-pjanu, il-kitarra, jikteb u jirranġa mużika kemm għall-baned kif ukoll għall-orkestra.

Il-kondoljanzi tagħna fit-telfa tiegħu - 4.3.2020- lil martu Carmen, uliedu, Ruth, Oliver u Jessica, lin-neputijiet u l-qraba tiegħu kollha.

